MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 225/2008

Martin Mifsud u martu Rita Mifsud
vs
Marika Almerigo

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi huma jiggestixxu n-negozju ta' bejgh ta' ikel u xorb mill-hanut '*Martin's Bakery'* f'Mensija Road, San Gwann.

2. Illi l-intimata ghamlet zmien tahdem bhala kaxxiera f'dan il-hanut, bdiet xi tlett snin ilu u spiccat fit-22 ta' Jannar, 2008.

3. Illi ghalkemm il-hanut hu frekwentat minn hafna nies, u jsir bejgh konsiderevoli, ir-rikorrenti ma kienux

jigbru bhala rikavat tal-bejgh, dak l-ammont li verament jirrispekkja l-bejgh li jkun sar.

4. Illi ricentament, u precisament fl-20 ta’ Jannar, 2008 il-konvenuta tidher fil-‘*closed circuit television*’ li gie nstallat mir-rikorrenti fil-hanut, li qed tiehu flus mill-*cash register*, u tpoggihom fil-borsa taghha li kienet izzomm fil-vicin, f’bank li jigi warajha.

5. Illi kif jidher mir-ricerki ta’ l-intimata annessi mar-rikors u mmarkati Dok. RIC 1 sa 38 il-konvenuta hi debitrici ta’ individwi, socjeta` kummercjali, u Bank, f’ammonti konsiderevoli, cirkostanza li kienet il-motivazzjoni ta’ l-intimata biex tapproprja ruhha mill-flus fil-*cash register* tal-hanut.

6. Illi kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, wara li ghamlu l-verifiki taghhom, lir-rikorrenti rrizultalhom li gew derubati minn ammonti konsistenti u konsiderevoli.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara lill-intimata unikament responsabbli ghan-nuqqasijiet kbar ta’ flus li llegalment u abusivament approprijat ruhha minnhom, bi hsara kbira ghad-drittijiet tar-rikorrenti;

2. Li, okkorrendi bl-opera ta’ periti nominandi, jigi likwidat l-ammont li l-intimata illegalment approprjat ruhha minnu, mill-*cash register* tal-hanut tar-rikorrenti, u

3. Li l-intimata tigi kundannata thallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat skond it-tieni talba.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru u Inibizzjoni prezentati fil-25 ta’ Frar, 2008 u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti ezebiti mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**
Rat ir-risposta ta’ l-intimata li biha esponiet:

1. Illi in linea preliminari u qabel xejn, ir-rikorrenti jridu jippruvaw li huma ghandhom l-interess guridiku rikjest mil-ligi halli jressqu din il-kawza kontra l-intimata;

2. Illi l-intimata tqis il-pretensjoni rikorrenti hekk kif ikkontenuta fir-rikors mahluf promotorju bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt u dana billi hija ma approprijat ruhha mill-ebda flus appartenenti lir-rikorrenti;

3. Illi fi kwalunkwe kaz ir-rikorrenti jridu jipprovaw fl-ewwel lok li l-ammonti li qed isostnu huma li gew derubati minnhom u fit-tieni lok li dawn l-ammonti effettivament ittiehdu mill-intimata;

4. Illi l-intimata taghmel riferenza ghall-punt numru hamsa [5] fir-rikors mahluf promotorju u tirrileva li din l-allegazzjoni hija nfondata u addirittura frivola ghall-ahhar u dana billi l-intimata lesta li waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza tispjega dwar kif il-proprjeta` immobbiljari msemmija fir-ricerki taghha waslet ghandha u x’kien il-finanzjament min-naha taghha halli hija akkwistat tali proprjeta` li m’ghandha x’taqsam xejn mal-attivita` ta’ xoghol taghha li hija kienet tikkonduci bhala impjegata tar-rikorrenti. Apparti minn hekk, m’ghandu x’jaqsam xejn il-fatt li ghaliex hija ghandha din il-proprjeta` u qed tiffinanzjaha allura hija approprijat ruhha minn flus tar-rikorrenti;

5. Illi, minghajr ebda pregudizzju ghad-suespostu fi kwalunkwe kaz, il-pretensjoni tar-rikorrenti hekk kif rizultanti mill-ammont imnizzel minnhom fil-mandati gja mressqa minnhom hija wahda esagerata;

6. Salv difizi ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi.

Rat il-lista ta’ xhieda ezebita mill-intimata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Maged Eskander li semma li jaf lill-konjugi Mifsud ghal dawn l-ahhar tnax-il sena. Semma li huma hbieb hafna ta' xulxin kif ukoll li l-hanut ghandu negozju konsiderevoli. Gall-habta ta' l-2004 Martin Mifsud qallu li xtaq jistalla sistema ta' CCTV u peress li hu jifhem f'dan ix-xoghol kien qallu biex jehodlu hsieb. Twahhlu sittax-il *camera* u spjega fejn kienu jirregistraw. Spjega li fl-20 ta' Jannar, 2007 cempillu Martin Mifsud u qallu li Rita rat lill-intimata fuq il-*computer* tmiss il-flus mill-*cash register* u fuq talba tar-rikorrent mar jara r-*recording* ta' bejn is-6.00 a.m. u s-2.00 p.m. Innota li kienet hadet il-flus izjed minn ghaxar darbiet f'dik il-gurnata, kwazi wara kull xirja kbira bil-flus ikunu nghaffgu. Fil-21 ta' Jannar, 2008 ir-rikorrent sostna li l-intimata regghet haditlu l-flus u xtaqu jivverifika mal-*computer* u kkonferma dak li qallu r-rikorrent li hadaitlu €50 u kienet tidher cara fuq il-*monitor*. Ghalhekk marru l-Ghassa hu u r-rikorrent u rritornaw ma' Surgent, Pulizija u Pulizija mara u urihom ir-*recording*. Is-Surgent baghat ghall-intimata li cahdet ghalkemm is-Surgent qalilha li tidher fir-*recording* u wara *search* mill-Pulizija mara rrizulta li kellha fuqha karta tal-€50 u hames karti ta' l-€10 mghaffga u l-Pulizija mara tellghet lill-intimata fl-ufficcju. Meta baqghu fl-ufficcju x-xhud u l-intimata hi qaltlu 'Int x'jimpurtak? Mela jien sraqt lilek?'. Is-Surgent qalilha "huwa car hawnhekk, li hadt il-flus." Hi rrispondiet li "Allahares isir jaf Stephen u t-tifla". Stephen hu l-habib ta' Marika.

Is-Surgent qallu biex jipprepara r-*recordings* halli jghaddu kollox lill-iSpettur Ellul. Il-memorja tal-*camera* kienet xahar u nofs. Mir-*recordings* irrizulta li kuljum kienet tiehu l-flus u mhux darba, gieli 10 darbiet f'gurnata, u s-Sibt u l-Hadd tiehu izjed. Ippreparajt xi 50 cd li kollha ghaddihom lill-iSpettur Carlo Ellul, b'indikazzjoni tad-data, hin u meta

tidher tiehu l-flus. Partikolarment fil-Milied u fl-Ewwel tas-Sena ghamlet xalata, anke meta kien hemm il-qlib mill-flus Maltin ghall-Ewro. Ix-xhud cert li kienet tiehu aktar minn Lm300 kuljum.

Meta xehed in kontro-ezami semma li s-sistema tas-CCTV m'ghamilhiex hu izda habib tieghu li jismu Osama li ghandu hanut u joqghod Malta. Anqas il-*cameras* ma stalla hu. Hu lill-intimata kien qalilha biex tirranga mar-rikorrent. Hu ma setax jghodd il-flus li hadet izda wasal ghall-ammont minn dak li ra fis-sistema.

Xehed PS 516 Alfio Borg u esebixxa 34 cd li kien ghaddielu l-Ispettur Carlo Ellul ta' l-Ghassa ta' l-Msida li hu kien hareg xi *stills* minnhom. Dawn dejjem juru lill-intimata fil-hanut tar-rikorrent fid-diversi dati, liema cd's jikkontjenu *footages* differenti u f'hinijiet differenti.
Gie prezentat affidavit tar-rikorrent Martin Mifsud fejn issemma li hu flimkien ma' martu Rita jiggestixxi negozju ta' bejgh ta' ikel, hobz u xorb mill-hanut Martin's Bakery, f'Mensija Road, San Gwann. L-intimata bdiet tahdem bhala kaxxiera maghhom f'Jannar 2005 u spiccat fit-22 ta' Jannar 2008. Fil-hanut *cash register* wiehed hemm. Kellu suspetti ghal zmien twil ghax kien sat 8.00 a.m. ibigh kwantita` kbira ta' hobz izda meta jittawwal il-*cash register* jissorprendi ruhu bil-kwantita` zghira ta' flus. Izda l-Hadd 20 ta' Jannar, 2008 il-mara tieghu qaltlu li rat lil Marika tiehu l-flus mill-*cash register*. Wara bl-ghajnuna ta' habib tieghu ezamina s-CCTV u ra lill-intimata diversi drabi tiehu l-flus. Fil-21 ta' Jannar, 2008, kien ivverifika mill-hand bag taghha wara li baghatha tixtrilu *card* ghall-*mobile* u kull ma sabilha kien €5. Meta sab skuza ohra biex jibghata tixtri fl-10.00 a.m. sab li fil-portmoni l-vojt issa kien hemm €50 u bl-ghajnuna ta' Eskandar rawha tiehu l-€50. Meta gew il-Pulizija u l-Pulizija mara fittxitilha, apparti l-€50 sabitilha hames karti ta' l-€10. Meta ra r-*recordings* tal-gurnata ta' qabel sab li kienet hadet madwar Lm500. Ikkalkula li fit-tliet (3) snin li damet tahdem mieghu serqitlu Lm2,000 fil-gimgha li ghal tliet snin jammontaw ghal Lm312,000 ekwivalenti ghal €726,764. Ukoll hu konvint minn dawn il-figuri ghaliex bdiet tahdem il-mara tieghu fuq il-*cash* u d-differenza hi ta' Lm2,000 ossija €4,659 fil-gimgha. Sostna

li minhabba l-intimata ghandu jaghti madwar €466,000. Wara li saru ricerki, kellha diversi proprjetajiet izda kellha d-dejn xi thallas mal-banek.

Gie prezentat affidavit tar-rikorrenti Rita Mifsud fejn ikkonfermat l-affidavit ta' zewgha. Kienet prezenti meta l-Pulizija fittxew lill-intimata fil-basket u li rat is-CCTV bl-intimata tiehu l-flus. Ikkonfermat li meta telqet l-intimata u bdiet tiehu hsieb hi l-*cash* kien hemm differenza ta' cirka Lm2,000 fil-gimgha. Semmiet li gieli rat lill-intimata tbigh panettone u ma tippancjax u gieli bdiet kont, izzomm normali u tikkancella dak li jkun registrat u l-flus tehodhom hi. Gieli meta thallset b'€50 tat bqija mill-kexxun waqt li l-€50 tehodha hi.

Xehed Paul Azzopardi accountant, u qal li ghamel *updates* tal-VAT u ezamina *accounts* li parti minnhom kienu ilhom mill-2004 'il quddiem. Sostna li matul is-snin 2005 sa 2007
kien hemm tnaqqis konsiderevoli mill-*gross profit percentage*. Qal:
"Meta qed nghid li kien hemm differenza kbira, fit-2005 naqset, fit-2006 naqset iktar u fit-2007 naqset iktar. It-tnaqqis kien *gradual consistent* qed jinzel 'l isfel."

Gie prezentat affidavit ta' l-intimata Marika Almerigo fejn semmiet li kienet tahdem mar-rikorrenti mit-18 ta' Novembru, 2004, suppost bhala kaxxiera imma kienet taghmel ftit minn kollox. Ma kenitx tahden il-hin kollu mal-*cash*. Gieli kien hemm drabi li l-klijenti kienu jidhlu f'daqqa b'mod li ma jtuhiex cans tirregsitra l-bejgh kollu fil-*cash register* u ghalhekk il-flus iddahhalhom dritt fil-kexxun, specjalment fl-ewwel siegha ta' filghodu. Meta kienet tkun fuq gewwa u hemm ma kienx hemm *cash register*, il-flus kienet twaddabhom fil-but ta' l-*overall* u wara tpoggihom fil-kexxun. Kien hemm okkazjonijiet meta r-rikorrenti kienu jiehdu l-flus ghal sigaretti jew *cards*. Ir-rikorrenti Rita kienet tohrog iz-*z reading* fl-ahhar tal-gurnata u qatt ma lmentaw maghha dwar flus nieqsa. Kienet dejjem taccerta ruhha li qabel ma titlaq mix-xoghol tinhareg iz-*z reading* u r-rikorrenti tghidilha "qbilna". Hi kienet dejjem konxja li hemm il-*cameras* fil-hanut, b'wahda minnhom fuq

il-*cash register*. Kien hemm okkazjonijiet meta sarrfet flus mill-*hand bag* ghax ma kienx ikollha *cash flow* fil-*cash register*.

Semmiet li kien hemm okkkazjonijiet meta r-rikorrenti kien anke jghajtilha biex tiktiblu c-*cheques* ghall-agenti. Semmiet li diversi drabi ma kienx hemm flus biex jithallsu l-agenti. Sostniet li fil-21 ta' Jannar, 2008 mal-Pulizija kollox qabel sew.

Semmiet li in segwitu kienet marret toqghod mal-*partner* taghha Stephen Gauci u ddecidiet li tbigh id-dar taghha f'San Gwann u li bieghet ghal Lm46,000 fl-10 ta' Mejju, 2006 liema somma poggietha f'kont bankarju. Fis-16 ta' Ottubru, 2006 xtrat post Ghawdex ghall-prezz ta' Lm16,000 liema somma thallset mir-rikavat tal-bejgh tal-post ta' San Gwann. Fl-20 ta' Settembru, 2007 kienet hadet *loan* minghand l-HSBC fl-ammont ta' Lm10,000.

Meta miet missierha fl-1980 ma kienux qasmu l-wirt izda meta ommha bieghet id-dar matrimonjali tathom sehemhom li bih xtrat proprjeta` ohra.

In kontro-ezami, l-intimata <u>Marika Almerigo</u> ammettiet li kellha proceduri kriminali kontra taghha fejn giet akkuzata b'tehid ta' flus bhala *sales girl* fil-post Martin il-Furnar. Iz-*Z- reading* kienet taghmlu r-rikorrenti Rita f'kull *shift*. Lilha dejjem kienet tghidilha li qablu u kienet thallasha. Qablet li Rita kienet tohrog iz-*Z reading* u tara l-*cash* fil-*cash register*. Ma kenitx tohrog *VAT receipts* meta l-klijent kien ikollu flus preciz specjalment meta fl-ewwel siegha jkunu *busy* hafna. Semmiet meta kienet ma tkunx hdejn il-*cash register* u taghti xi oggett lil xi had li jkollu flus bil-preciz. F'dik l-okkazjoni ma kenitx tohrog il-VAT *receipt*. Dan specjalment kien jigri fir-*rush* tan-nies u meta kienu jigu b'karozzi u jkollhom problemi ta' *parking*.

Mistoqsija mill-konsulent legali tal-kontro-parti jekk waqt is-seduta kellhiex portmoni wiehed jew tnejn, ikkonfermat li dakinhar kellha wiehed. Dwar *coins* ir-rikorrenti kienet tghidilha biex tahseb hi fihom u spiss kienet iggibilha

ommha. Sostniet li hi kellha l-permess issarraf iz-zaghar mill-portmoni taghha. Kien hemm okkazjonijiet meta anke sarrfet flus karti ma' taghha.

Ikkonfermat li fl-2006 kienet ghaddiet lir-ragel taghha Lm4,000 *cash*. Zammet id-dar matrimonjali ghax kienet taghha qabel iz-zwieg u l-karozza. Mistoqsija ghaliex fl-2007 issellfet Lm10,000 mill-HSBC kien biex tixtri affarijiet personali.

Ikkonfermat li ghandha zewg postijiet imhallsin. Ikkonfermat li l-Pulizija kienu sabulha flus mghaffgin fil-portmoni izda dan huwa l-mod taghha kif izzomm il-flus.

Gie prezentat affidavit ta' Stephen Gauci u kkonferma l-partijiet li jikkoncernaw lilu mill-affidavit ta' Marika Almerigo. Semma li meta ltaqa' mar-rikorrenti wara li kienu baghatu l-Pulizija ghall-intimata huma wrewh il-filmati ta' l-intimata tavvicina l-basket taghha u sostna li kif qalilhom dakinhar stess l-intimata ma tidhirx tiehu l-flus izda li kienet qed ticcekkja xi affarijiet fil-basket.

In kontro-ezami sostna li Eskander huwa d-direttur tal-hanut.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Fatti tal-kawza fil-qosor:***

Ir-rikorrenti joperaw negozju ta' bejgh ta' ikel, hobz u xorb bl-isem ta' Martin's Bakery f'San Gwann waqt li l-intimata hija impjegata bhala kaxxiera fin-negozju taghhom u dan mill-bidu tas-sena 2005 sas-sena 2008. Fil-kawza r-rikorrenti jallegaw li l-intimata kienet qieghedha regolarment tiehu flus minghajr ma hi awtorizzata b'mod li d-dhul registrat ma jirrispekkjax id-dhul veru. Ir-rikorrenti ghandhom sistema ta' CCTV stallata fil-hanut li minnha jidher persuna xi tkun qed taghmel hdejn il-*cash register*. L-intimata tichad dan. Minn dokumenti esebiti rrizulta li l-intimata hi debitrici tal-bank u socjeta` kummercjali oltre li wkoll hallset diversi somom ghall-akkwist ta' proprjeta`.

***D2. Interess guridiku:***

L-intimata eccepiet il-karenza ta’ l-interess guridiku da parti tar-rikorrenti. Bla dubju r-rikorrenti ghandhom l-interess guridiku bhala operaturi tan-negozju gestit mill-hanut “Martin’s Bakery” li jressqu l-kawza odjerna ghaliex kienu huma li sofrew il-pregudizzju minhabba l-allegat tehid illegali tal-flus mill-intimata.

Irrizulta li r-rikorrenti huma l-proprjetarji u jiggestixxu l-hanut *de quo*. Certament min jiggestixxi hanut ghandu interess li ebda persuna ma tiehu flus bil-mohbi u illegalment.

Din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Maria Tabone *et* vs Joseph Schembri**, deciza fit-30 ta’ Jannar, 2007 qalet:
“Ghalhekk jekk wiehed jipprova jigbor dawn il-principji fil-qasir wiehed jista’ jghid li l-interess guridiku:
- irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni riferibbilment ghal ksur ta’ jedd u jibqa’ jezisti fil-kors kollu tal-kawza]
- irid ikun dirett
- irid ikun legittimu [konformi ghal dritt ta’ l-attur, u mhux biss interess]
- irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]
- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta’ vantagg u utilita`
- ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta’ vjolazzjoni ta’ xi dritt li jappartjeni lill-attur
- il-kawza li jipproponi tkun tista’ tipproducilu rizultat utli jew vantaggjuz ghalih.
- Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir
- Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista’ jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv.”

Peress li jissussistu l-elementi msemmija tichad l-eccezzjoni tal-karenza ta’ interess guridiku.

***<u>D3. Prova li l-intimata kienet tiehu flus:</u>***

Il-Qorti tirreferi ghas-sintesi ta’ depozizzjonijiet hawn fuq maghmula riferibbilment ghall-elementi necessarji ghall-provi f’din il-kawza. Ir-rikorrenti Martin Mifsud xehed dwar kif il-mara tieghu kienet osservat lill-intimata tieghu l-flus u kif f’dak l-istadju hu personalment ivverifika kemm mis-sistema ta’ CCTV kif ukoll billi ra l-kontenut tal-portmoni ta’ l-intimata f’diversi hinijiet. Lilu irrizultalu li l-intimata kienet qed tiehu kwantita` kbira ta’ flus. *Inoltre* xehed li ma setax ikun li mill-bejgh voluminuz li kien qieghed isir hu kien possibbilment qed jitlef il-flus. Irrizulta wkoll li wara li spiccat tahdem minn mieghu l-intimata, id-dhul zdied cirka b’Lm2,000 fil-gimgha. Hu qaghad jara r-registrazzjoni fuq is-CCTV u raha diversi drabi twaddab flus gejjin mid-dhul fil-portmoni jew basket taghha.

Il-mara tar-rikorrent ossija Rita Mifsud (li ghax-xhieda taghha l-Qorti taghmel referenza ghal pagna 8 hawn fuq) ikkonfermat li wara li telqet l-intimata mill-hanut u bdiet tiehu hsieb il-*cash* hi, id-dhul zdied b’Lm2,000 fil-gimgha. Kienet prezenti wkoll meta l-Pulizija fittxew lill-intimata u sabulha l-flus fuqha li precedentement ma kellhiex. Rat ukoll is-CCTV fejn rat lill-intimata tiehu l-flus. Fis-CCTV rat anke kazijiet fejn l-intimata bdiet kont u mbaghad tikkancellah u l-flus tehodhom hi. Gieli rat ukoll fejn meta rceviet €50 tat il-bqija mill-kexxun u mhux mill-*cash register*.

Maged Eskander semma li jsegwi s-CCTV tar-rikorrenti u ghamel kopja ta’ dak li gara, osserva lill-intimata spiss twaddab flus mill-kexxun ghal gol-basket taghha f’ammonti qawwija, diversi drabi €50. Kien prezenti meta gew il-Pulizija u raw ir-*recording* fuq is-CCTV. Dan gara specjalment fil-Milied u l-ewwel tas-sena.

L-istess jinghad fuq Paul Azzopardi, accountant mar-rikorrenti li osserva tnaqqis konsiderevoli mill-*gross profit percentage*.

Naturalment l-intimata cahdet dan kollu, izda mill-assjem tal-provi inkluz il-bejgh u xiri u kuntratti ta’ l-intimata, inkluz meta dejjem fil-hanut kien ikollha zewg portmonijiet izda meta qed tixhed quddiem l-Assistent Gudizzjarju rrizulta li

kellha wiehed biss, kif ukoll meta fl-ahhar gurnata tax-xoghol irrizulta li diversi drabi l-flus fil-portmonijiet taghha zdiedu, il-Qorti tinsab konvinta li fil-fatt l-intimata kienet qieghedha tiehu flus minghajr awtorizzazzjoni. Meta wiehed josserva wkoll is-cd's il-komportament ta' l-intimata jipprova dan ukoll.

***D4. Prova tad-danni:***

Min jallega jrid jipprova – *qui allegat probat*. L-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah a tenur ta' l-artikolu 562 tal-Kap 12. L-artikolu 559 ukoll jipprovdi li l-Qorti gahndha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib.

Ukoll, fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Joseph Hili**, Appell *Sede* Inferjuri, 27 ta' Gunju, 1953 insibu:
"ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "*ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat*"."

Ghalhekk fil-kamp civili element necessarju dwar il-provi huwa li min jallega jrid jipprova. Il-Qorti trid tasal fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemha u tkun moralment sodisfatta li l-attur issodisfa l-oneru tal-prova tieghu. Mhux necessarju dak li jirrikjedi l-kamp kriminali li ssir prova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.

Jigi osservat ukoll li kif intqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fi **Frank Giordmaina Medici *et* vs William Rizzo *et*** (deciza 28/04/2004):
"...li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikament opposti w li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*."

F'kaz li l-attur jonqos li jipprova dak minnu allegat, jibqa' dejjem jimpera l-principju '*actore non probante reus absolvitur*'. L-attur li jallega l-incident ma sehhx b'tort jew b'negligenza tieghu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-

proncipju l-iehor '*reus in excipiendo fit actor*', ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali ta' l-akkuza jibqa' fuqu.

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Dr. H. Lenicker vs J. Camilleri** (deciza 31/5/1972) dik il-Qorti kienet qed tezamina hsara b'tort tal-konvenut, qalet is-segwenti:-
"… Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma tistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jippruvax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b'tort ta' l-atturi".

Illi huwa ghalhekk l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi w allegati fic-citazzjoni.

Issa fil-kaz in ezami r-rikorrenti qed jallegaw li l-intimata haditilhom Lm2,000 fil-gimgha ammontanti globalment ghal Lm312,000 ossija €726,764. Jibda biex jinghad li certament wiehed ma jibdiex mill-bidu jiehu ammonti kbar izda jkun biss wara certu zmien li ma jinqabadx li jirrejalizza li jista' jzid. Dan hu wkoll rifless mid-depozizzjoni ta' xhud tar-rikorrenti u cioe` Paul Azzopardi meta jitkellem fuq it-tnaqqis konsiderevoli tal-*gross profit percentage* b'mod li dan naqas dejjem meta bdew ghaddejjin is-snin. Dan juri bic-car li dak li kienet qed tiehu l-intimata kien dejjem izid gradwalment. Izda bl-istess mod ukoll il-provi huma sufficjentement cari biss dwar l-ahhar xahar u nofs ossija 45 jum minhabba li s-CCTV tiehu biss dawn l-ammont ta' granet. Ma hemm ebda prova ghal dak li sar precedentement hlief ghal kalkolu immaginarju li hu bazat fuq dak li qal Paul Azzopardi u fuq il-fatt li r-rikorrenti xehdu li wara li giet imkeccija l-intimata d-dhul zdied b'Lm2,000 fil-gimgha. Ukoll l-ammont ta' Lm2,000 jidher li huwa ftit qawwi ghax jekk wiehed iqis fuq bazi ta' Lm2,000 dawn iwasslu ghal Lm286 kuljum li a bazi ta' tmien (8) sieghat li kienet tahdem iwassal ghal Lm36 ossija €83 s-siegha, liema ammont il-Qorti ssibu pjuttost qawwi. Ir-rikorrenti jistghu jilmentaw fuq li mhux qed jigu moghtija ta' qabel il-45 jum izda hawnhekk huwa tort taghhom stess li ma zammewx sorveljanza sufficjenti inkluz fiz-*Z reading*. Li kieku huma

ma ppermettewx lill-intimata li ma tbighx minghajr ma tohrog il-*VAT receipt* kieku dan ma garax. Bl-istess mod il-fatt li l-intimata kienet tbigh mhux hdejn il-*cash register* izda 'l boghod minnu wkoll kien tort taghhom, u dan qed jinghad biss mill-aspett ta' kif wiehed jaghmel l-ahjar prova. F'dan il-kaz il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tikkunsidra biss l-ahhar xahar u nofs bl-ammont ta' €50 s-siegha li jwassal ghall-ammont ta' €18,000.

**E: KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk dwar l-aspett ta' l-interess guridiku r-rikorrent bhala proprjetarji ppruvaw dan l-aspett kif jidher f'"D2" hawn fuq u ghalhekk tichad l-eccezzjoni.

It-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjoni qed jigu michuda minhabba dak li ntqal f' "D3" u "D4".

Tiddikjara lill-intimata unikament responsabbli ghan-nuqqasijiet kbar ta' flus li illegalment u abusivament approprijat ruhha minnhom, bi hsara kbira ghad-drittijiet tar-rikorrenti

Tillikwida l-ammont li l-intimata illegalment approprjat ruhha minnu, mill-*cash register* tal-hanut tar-rikorrenti fl-ammont ta' €18,000.

Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat skond it-tieni talba.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------